



REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/602

tal-14 ta' Diċembru 2023

li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni fis-settur tal-ħops u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1850/2006

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agricoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 75(2) u l-Artikolu 77(5) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 ħassar u ssostitwixxa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 ⁽²⁾. Dan jistabbilixxi regoli dwar l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni għall-ħops u ċ-ċertifikazzjoni tal-ħops, u jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati u ta' implimentazzjoni f'dak ir-rigward. Biex jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel tal-applikazzjoni tal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni taċ-ċertifikazzjoni tal-ħops u tal-prodotti tal-ħops, fil-qafas legali l-ġdid, iridu jiġu adottati ċerti regoli addizzjonali permezz ta' atti delegati. Dan ir-Regolament u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/601 ⁽³⁾ għandhom jissostitwixxu r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1850/2006 ⁽⁴⁾.
- (2) L-Artikolu 77(1) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jipprevedi li l-prodotti tas-settur tal-ħops maħsuda jew ippreparati fl-Unjoni huma soġġetti għal proċedura ta' ċertifikazzjoni li tiggarrantixxi li jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi ta' kwalità. Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tal-proċedura ta' ċertifikazzjoni fl-Istati Membri, huwa meħtieġ li jiġu speċifikati l-prodotti tas-settur tal-ħops soġġetti għal ċertifikazzjoni.
- (3) L-Artikolu 77(4) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jipprevedi li l-prodotti tas-settur tal-ħops jistgħu jiġu kkummerċjalizzati jew esportati biss jekk ikunu koperti minn ċertifikat maħruġ f'konformità ma' dik id-dispożizzjoni. Il-birreriji jagħtu attenzjoni kbira lill-kwalità tal-ħops użat fil-proċess tal-produzzjoni tal-birra minħabba li dak l-ingredjent għandu influwenza kbira fuq it-togħma tal-prodott finali. Meta l-ħops jitekabbra u jiġi pproċessat minn birreriji jew minn partijiet terzi b'kuntratt għal birrerija, il-ħtieġa ta' ċertifikazzjoni uffiċjali flimkien mal-kontroll intern tal-kwalità tal-birrerija kkonċernata, toħloq kostijiet addizzjonali u piż amministrattiv mhux meħtieġ. Kwantitajiet żgħira ta' prodotti tas-settur tal-ħops mibjugħa lil individwi privati f'pakketti żgħira huma suq niċċa u ċ-ċertifikazzjoni tal-kontenut ta' kull pakkett żgħir u l-immarkar tal-pakketti skont ir-regoli applikabbli jkunu jfissru ammont mhux ġustifikat ta' xogħol, speċjalment peress li dan ikollu wkoll impatt fuq il-prezz ta' dawk il-prodotti għall-utenti privati. Il-prodotti tal-ħops isomerizzati għaddew minn ħafna pproċessar u huma ta' natura stabbli, u għalhekk iċ-ċertifikazzjoni ma għadhiex meħtieġa bħala garanzija tal-kwalità tagħhom. Għalhekk jixraq li ċerti prodotti tal-ħops jiġu eżentati mir-rekwiżit ta' ċertifikazzjoni għal finijiet ta' kummerċjalizzazzjoni jew ta' esportazzjoni.
- (4) Bl-għan li jiġi stabbilit il-kamp ta' applikazzjoni tal-eżenzjoni mill-obbligu taċ-ċertifikazzjoni għall-ħops imkabbra u/jew ipproċessat għall-birreriji taħt kuntratt jew mill-birreriji nfushom, filwaqt li tibqa' tiġi żgurata s-superviżjoni mill-awtorità taċ-ċertifikazzjoni kompetenti, il-birrier jenħtieġ li jinforma lill-awtorità taċ-ċertifikazzjoni kompetenti permezz ta' dikjarazzjoni tal-ħsad dwar il-varjetajiet imkabbra, il-kuantitajiet maħsuda,

⁽¹⁾ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1308/oj>.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agricoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agricoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) (ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2007/1234/oj>).

⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/601 tal-14 ta' Diċembru 2023 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward taċ-ċertifikazzjoni tal-ħops u tal-prodotti tal-ħops, u l-kontrolli relatati (ĠU L, 2024/601, 16.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/601/oj).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1850/2006 tal-14 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar iċ-ċertifikazzjoni tal-ħops u l-prodotti tal-ħops (ĠU L 355, 15.12.2006, p. 72, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1850/oj>).

il-postijiet tal-produzzjoni u ż-żoni mħawla sabiex jiġi żgurati li l-prodotti inkwistjoni huma maħsuba biex jintużaw biss mill-birrerija kkonċernata. Fir-rigward tal-ipproċessar tal-ħops għall-birrerija, l-awtorità taċ-ċertifikazzjoni jenħtieġ li tingħata informazzjoni minn qabel dwar il-birrerija kkonċernata, il-proċessur, il-materja prima u l-prodott finali biex tkun tista' ssir ċerta superviżjoni tal-proċess. L-imballaġġ ta' dawk il-prodotti jenħtieġ li jkollu wkoll referenza speċjali li dawn ma jistgħux jiġu kkummerċjalizzati biex jiġi żgurati li jkunu jistgħu jintużaw biss mill-birrerija inkwistjoni.

- (5) F'każ li kunsinna ċċertifikata ta' ħops mhux ippreparat tinqasam għall-bejgħ, kull waħda mill-kunsinni jenħtieġ li tkun akkumpanjata minn dokument kummerċjali mfassal mill-bejgiegħ li jkollu informazzjoni miċ-ċertifikat tal-kunsinna oriġinali sabiex tiġi żgurata t-traċċabbiltà sħiħa ta' kull kunsinna.
- (6) Sabiex tiġi żgurata l-kwalità għolja tat-taħlitiet ta' ħops mhux ipproċessat u ta' prodotti tal-ħops, fil-każ ta' taħlitiet, kull waħda mill-kunsinni ta' koni tal-ħops użati jenħtieġ li tissodisfa r-rekwiżiti minimi ta' kwalità. Fil-każ ta' taħlitiet ta' koni tal-ħops li għandhom jintużaw bħala tali, biex jinżamm il-karattru speċjali mogħti lill-prodott mill-varjetà u miż-żona tal-produzzjoni, jenħtieġ li jintużaw biss koni tal-ħops tal-istess żona u varjetà. Għall-prodotti tal-ħops, tista' tkun meħtieġa taħlita ta' ħops ta' varjetajiet u/jew żoni ta' produzzjoni differenti biex jinkiseb ċertu profil ta' togħma, u huwa għalhekk li tali taħlitiet jenħtieġ li jkunu permessi u li kull varjetà u/jew oriġini jenħtieġ li tiddaħħal fiċ-ċertifikat, b'indikazzjoni tal-piż perċentwali ta' kull varjetà u/jew żona tal-produzzjoni, biex tkun tista' ssir it-traċċabbiltà. Minħabba li maż-żmien il-ħops jitlef xi ftit mill-aċidu alfa li jinfluwenza t-togħma speċjali tiegħu, jenħtieġ li jitħallat biss ħops mhux ipproċessat tal-istess sena tal-ħsad, kemm għal taħlitiet tal-ħops li għandhom jintużaw bħala tali kif ukoll għall-prodotti tal-ħops. Sabiex jiġi żgurati li ma jkun jista' jidied l-ebda element li ma jissodisfax ir-rekwiżiti, il-prodotti mħallta tas-settur tal-ħops jenħtieġ li jiġu ċċertifikati biss jekk ikunu ġew imħallta taħt sorveljanza uffċjali f'ċentri taċ-ċertifikazzjoni.
- (7) Jenħtieġ li jiġu speċifikati r-rekwiżiti minimi ta' kwalità kemm għall-ħops mhux ipproċessat ippreparat kif ukoll għal dak mhux ippreparat b'rabta mal-kontenut ta' ndewwa, il-kontenut ta' weraq, taz-zkuk u tal-iskart tal-ħops tiegħu, kif ukoll għaż-żrieragħ fil-każ ta' ħops bla żerriegħa.
- (8) Peress li dan ir-Regolament jaġġorna u jissostitwixxi r-regoli eżistenti stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1850/2006, dak ir-Regolament jenħtieġ li jitħassar,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

TAQSIMA 1

DISPOŻIZZJONIJIET INTRODUTTORIJI

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli li jissupplimentaw ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 fir-rigward tal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni għall-ħops u l-prodotti tal-ħops imsemmija fl-Artikolu 2 u l-kundizzjonijiet li taħthom il-ħops u l-prodotti tal-ħops huma eżentati mir-rekwiżit ta' ċertifikazzjoni stabbilit fl-Artikolu 77(4) ta' dak ir-Regolament.

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu japplika għal:

- (a) koni tal-ħops li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 1210 10 00 koperti mill-Parti VI tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 meta jinħasdu fl-Unjoni jew jiġu importati minn pajjiżi terzi f'konformità mal-Artikolu 190 ta' dak ir-Regolament;

- (b) prodotti tal-ħops li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 1210 20 u 1302 13 00 koperti mill-Parti VI tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 imħejjija fl-Unjoni jew importati minn pajjiżi terzi f'konformità mal-Artikolu 190 ta' dak ir-Regolament.

Dan ma għandux japplika għall-prodotti tal-ħops isomerizzati.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/601, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) “koni tal-ħops” jew “ħops” tfisser l-inflorenzenzi tal-pjanta (femminili) tal-ħops li tixxeblek (*Humulus lupulus*); dawn l-inflorenzenzi, li jkunu isfar ħadrani u forma ta' bajda, ikollhom zokk tal-fjura u l-itwal daqs ġeneralment iwarja bejn 2 u 5 cm;
- (b) “ħops mhux ippreparat” tfisser ħops li jkun ġie soġġett biss għal tnixxif u mballaġġ preliminari;
- (c) “ħops ippreparat” tfisser ħops li jkun għadda minn tnixxif u mballaġġ finali;
- (d) “ħops biż-żerriegħa” tfisser ħops ikkummerċjalizzati b'kontenut ta' żerriegħa li jaqbeż it-2 % tal-piż tiegħu wara t-tnixxif;
- (e) “ħops bla żerriegħa” tfisser ħops ikkummerċjalizzati fis-suq b'kontenut ta' żerriegħa li ma jaqbix it-2 % tal-piż tiegħu wara t-tnixxif;
- (f) “prodott tal-ħops” tfisser prodott derivat mill-koni tal-ħops li jkun għadda minn trasformazzjoni aktar sinifikanti, bħat-trab, il-pellets jew l-estratti tal-ħops;
- (g) “prodott tal-ħops isomerizzat” tfisser prodott tal-ħops li fih l-aċidi alfa jkunu ġew isomerizzati kważi għalkollox;
- (h) “kunsinna” tfisser numru ta' pakketti tal-ħops bl-istess karatteristiċi murija fl-istess żmien għaċ-ċertifikazzjoni mill-istess produttor individwali jew assoċjat jew mill-istess proċessur;
- (i) “żoni tal-produzzjoni tal-ħops” tfisser iż-żoni jew ir-reġjuni tal-produzzjoni fil-lista mħejjija mill-Istati Membri kkonċernati;
- (j) “issiġillar” tfisser l-għeluq tal-pakkett b'tali mod li l-mezz tal-għeluq issirli l-ħsara meta jinfetaħ il-pakkett;
- (k) “immarkar” tfisser it-tikkettar u l-identifikazzjoni;
- (l) “ċirkwit operazzjonali magħluq” tfisser proċess għat-tħejjija jew l-ipproċessar tal-ħops b'tali mod li ebda ħops jew prodott ipproċessat ma jkun jista' jinżied jew jitneħħa matul l-operazzjoni. Iċ-ċirkwit operazzjonali magħluq jibda bil-ftuħ tal-pakkett issiġillat li fih il-ħops jew il-prodotti tal-ħops li għandhom jiġu ppreparati jew ipproċessati, u jintemm bl-issiġillar tal-pakkett li fih il-ħops ippreparat jew il-prodott tal-ħops ipproċessat;
- (m) “awtorità kompetenti taċ-ċertifikazzjoni” tfisser il-korp jew id-dipartiment awtorizzat mill-Istat Membru biex iwettaq iċ-ċertifikazzjoni, u japprova u jikkontrolla ċ-ċentri taċ-ċertifikazzjoni;
- (n) “ċentru taċ-ċertifikazzjoni” tfisser post fejn titwettaq iċ-ċertifikazzjoni;
- (o) “rappreżentanti ta' awtorità kompetenti taċ-ċertifikazzjoni” tfisser il-persunal li jew huwa impjegat mill-awtorità kompetenti taċ-ċertifikazzjoni, jew impjegat minn parti terza u awtorizzat mill-awtorità kompetenti taċ-ċertifikazzjoni li jwettaq id-dmirijiet ta' ċertifikazzjoni;
- (p) “sorveljanza uffiċjali” tfisser superviżjoni tal-attivitajiet ta' ċertifikazzjoni mill-awtorità kompetenti taċ-ċertifikazzjoni jew ir-rappreżentanti tagħha.

TAQSIMA 2

STANDARDS TAL-KUMMERĊJALIZZAZZJONI

Artikolu 4

Kummerċjalizzazzjoni tal-ħops u tal-prodotti tal-ħops

Il-koni tal-ħops u l-prodotti tal-ħops maħsuda u/jew ippreparati fl-Unjoni jistgħu jiġu kkummerċjalizzati biss jekk ikunu għaddew minn proċedura ta' ċertifikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/601 u jkunu akkumpanjati minn ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 77(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

Artikolu 5

Eżenzjonijiet mill-obbligu ta' ċertifikazzjoni

Ir-reqwiżit ta' ċertifikazzjoni msemmi fl-Artikolu 4 ma għandux japplika għal:

- ħops maħsud fuq art proprjetà ta' birrerija jew imkabbar taħt kuntratt għal birrerija u użat minn dik il-birrerija fl-istat naturali jew ipproċessat;
- prodotti tal-ħops ipproċessat taħt kuntratt f'isem birrerija, bil-kundizzjoni li dawk il-prodotti jintużaw mill-birrerija;
- ħops u prodotti tal-ħops għall-bejgħ lil individwi privati għall-użu proprju tagħhom f'pakketti żgħar ta' mhux aktar minn 5 kg fil-każ tal-koni, it-trab u l-pellets u mhux aktar minn 1 kg fil-każ ta' estratti jew prodotti tal-ħops isomerizzati, b'deskrizzjoni tal-prodott u l-piż tiegħu fuq il-pakkett.

Artikolu 6

Dispożizzjonijiet speċjali għall-birreriji

1. Għall-ħops imkabbar minn birrerija fuq l-art tagħha stess jew imkabbar taħt kuntratt għal birrerija biex jintuża mill-birrerija, il-birrier għandu, sa mhux aktar tard mill-15 ta' Novembru ta' kull sena, jibgħat lill-awtorità kompetenti ta' ċertifikazzjoni dikjarazzjoni tal-ħsad tal-varjetajiet imkabbra, il-kwantitajiet maħsuda, il-postijiet tal-produzzjoni u ż-żoni mħawla, flimkien mar-referenzi tar-reġistru katastali jew l-ekwivalenti uffiċjali tagħhom.

2. Fil-każ tal-ħops ipproċessat taħt kuntratt f'isem birrerija, qabel ma l-ħops jidħol fl-istabbiliment fejn ikun se jiġi pproċessat, il-birrerija għandha ttiprovdi lill-proċessur u lill-awtorità kompetenti ta' ċertifikazzjoni b'dokument tal-ipproċessar li jkollu l-informazzjoni li ġejja:

- numru ta' referenza uniku li jidentifika l-kuntratt;
- il-birrerija riċevitriċi;
- l-isem u l-indirizz tal-istabbiliment tal-ipproċessar;
- in-numru ta' referenza uniku ta' ċertifikat tal-ħops jew tal-prodotti tal-ħops li għandhom jiġu pproċessati u/jew, fil-każ ta' ħops importat, l-attestazzjoni tal-ekwivalenza prevista fl-Artikolu 190(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u/jew kopja tad-dikjarazzjoni tal-ħsad tal-ħops li għandu jiġi pproċessat.

3. L-entrati li ġejjin għandhom jiddaħħlu mill-proċessur fid-dokument tal-ipproċessar wara l-operazzjoni tal-ipproċessar:

- deskrizzjoni tal-prodott ipproċessat;
- il-piż tal-prodott ipproċessat.

4. Id-dokument tal-ipproċessar imsemmi fil-paragrafu 2 għandu jingħata numru ta' referenza uniku, li jrid jidher ukoll fuq l-imballaġġ. L-indikazzjoni addizzjonali li ġejja għandha tiġi inkluża fuq id-dokument u fuq il-pakkett: "ħops/prodotti tal-ħops għall-użu proprju; ma jistax jiġi kkummerċjalizzat".

*Artikolu 7***Qsim tal-kunsinni tal-ħops**

1. Fkaż li kunsinna ċertifikata tal-ħops tinqasam għall-bejgħ, il-prodott għandu jkun akkumpanjat minn fattura jew dokument kummerċjali mfassal mill-bejgiegħ inkluż il-piż tal-parti mibjugħa.
2. Il-fattura jew id-dokument kummerċjali għandu jkollu wkoll l-informazzjoni li ġejja, meħuda miċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 4:
 - (a) id-deskrizzjoni tal-prodott;
 - (b) il-piż gross jew nett tal-kunsinna oriġinali ċertifikata;
 - (c) il-post u ż-żona tal-produzzjoni;
 - (d) il-varjetà;
 - (e) is-sena tal-ħsad;
 - (f) in-numru ta' referenza uniku taċ-ċertifikat.

*Artikolu 8***Taħlit tal-kunsinni tal-ħops u tal-prodotti tal-ħops**

1. Il-prodotti mħallta tas-settur tal-ħops jistgħu jiġu ċertifikati biss jekk ikunu tħalltu taħt sorveljanza uffiċjali f'ċentri taċ-ċertifikazzjoni.
2. Meta l-koni tal-ħops jitħalltu biex jintużaw bħala tali jew jiġu ttrasformati fi prodott tal-ħops, kull waħda mill-kunsinni użati għat-taħlita għandha tissodisfa r-rekwiżiti minimi ta' kwalità stabbiliti fl-Anness I. Il-koni tal-ħops li jkunu se jintużaw bħala tali jistgħu jitħalltu biss ma' koni tal-ħops mill-istess varjetà, żona tal-produzzjoni u sena tal-ħsad.
3. Prodotti tal-ħops iċċertifikati ppreparati minn ħops iċċertifikat tal-istess sena tal-ħsad, imma ta' varjetajiet differenti u/jew minn żoni differenti tal-produzzjoni tal-ħops, jistgħu jitħalltu fil-manifattura tal-prodotti tal-ħops dment li ċ-ċertifikat li jakkumpanja l-prodott jispeċifika:
 - (a) il-varjetajiet użati, iż-żoni tal-produzzjoni tal-ħops u s-sena tal-ħsad;
 - (b) il-piż perċentwali ta' kull waħda mill-varjetajiet użati fit-taħlita; jekk ikunu ntużaw prodotti tal-ħops flimkien ma' koni tal-ħops għall-manifattura ta' prodotti tal-ħops, jew jekk ikunu ntużaw prodotti differenti tal-ħops, il-perċentwal ta' kull waħda mill-varjetajiet għandha tkun ibbażata fuq il-piż tal-koni tal-ħops li ntużaw fil-preparazzjoni tal-prodotti tal-input;
 - (c) in-numri ta' referenza taċ-ċertifikati maħruġa għall-ħops u l-prodotti tal-ħops użati.

TAQSIMA 3

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI*Artikolu 9***Tħassir**

Ir-Regolament (KE) Nru 1850/2006 huwa mħassar.

Ir-referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jinftiehem bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għar-Regolament (UE) 2024/601 u għandhom jinqraw f'konformità mat-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness II.

*Artikolu 10***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Diċembru 2023.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

ANNEX I

Rekwiżiti minimi tal-kummerċjalizzazzjoni għall-koni tal-ħops imsemmija fl-Artikolu 8(2)

Karatteristiċi	Deskrizzjoni	Kontenut massimu (% tal-piż)	
		Hops ippreparat	Hops mhux ippreparat
(a) Indewwa	Kontenut ta' ilma	12,0	14,0
(b) Weraq u zkuk	Frammenti ta' weraq minn rimjiet tal-friegħi, rimjiet tal-friegħi, pedicelli tal-weraq jew tal-koni; biex jiġu kklassifikati bħala zkuk, il-pedicelli tal-koni jridu jkunu twal tal-anqas 2,5 cm	6,0	6,0
(c) Skart tal-ħops	Partikoli żgħar li jirriżultaw minn ħsad bil-makkinarju, ta' lewn li jvarja bejn aħdar skur u iswed, u li ġeneralment ma jkunux ġejjin mill-koni; il-kontenuti massimi indikati jistgħu jinkludu partikoli ta' varjetajiet ta' ħops ieħor minbarra dak li jkun irid jiġi ċċertifikat, li jkunu jammontaw sa 2 % tal-piż	3,0	4,0
(d) Kontenut taż-żerriegħa fil-każ ta' "ħops bla żerriegħa"	Frott misjur tal-koni	2,0	2,0

ANNEX II

Tabella ta' korrelazzjoni

Ir-Regolament (KE) Nru 1850/2006	Dan ir-Regolament	Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2896
Artikolu 1(1)	Artikolu 1	-
Artikolu 1(2)	Artikolu 2	-
Artikolu 1(3)	Artikolu 5	-
Artikolu 1(4)	-	Artikolu 5(3)
Artikolu 2	Artikolu 3	-
Artikolu 3(1)	-	Artikolu 6(2)
Artikolu 3(2)	-	Artikolu 6(3)
Artikolu 4(1)	-	Artikolu 2(2)
Artikolu 4(2)	-	Artikolu 7(1)
Artikolu 4(3)	-	Artikolu 7(2)
Artikolu 5	-	Artikolu 7(3)
Artikolu 6(1)	-	Artikolu 2(1) u (6)
Artikolu 6(2)	-	Artikolu 6(1)
Artikolu 6(3)	-	Artikolu 3(1)
Artikolu 6(4)	-	Artikolu 2(4)
Artikolu 6(5)	-	Artikolu 2(7)
Artikolu 7(1)	Artikolu 8(1)	-
Artikolu 7(2)	Artikolu 8(2)	-
Artikolu 7(3)	Artikolu 8(3)	-
Artikolu 8	Artikolu 7	-
Artikolu 9(1)		Artikolu 2(6)
Artikolu 9(2)		Artikolu 2(1)
Artikolu 9(3)		Artikolu 3(1)
Artikolu 9(4)		Artikolu 2(4)
Artikolu 9(5)		Artikolu 2(7)
Artikolu 10(1)		Artikolu 5(2)
Artikolu 10(2)	-	-
Artikolu 10(3)		Artikolu 5(1)
Artikolu 11		Artikolu 8
Artikolu 12(1)		Artikolu 9(1)
Artikolu 12(2)		Artikolu 9(2)
Artikolu 12(3)		Artikolu 9(3)
Artikolu 13		Artikolu 2(7)
Artikolu 16		Artikolu 4

Artikolu 17		Artikolu 3(2)
Artikolu 18		Artikolu 3(3)
Artikolu 19		Artikolu 2(6)
Artikolu 20(1)	Artikolu 6(1)	
Artikolu 20(2)	Artikolu 6(2), (3) u (4)	
Artikolu 21		Artikolu 10
Artikolu 22(1)		Artikolu 11
Artikolu 22(2)		Artikolu 12
Artikolu 23		Artikolu 14
Artikolu 24		Artikolu 15
Artikolu 25	Artikolu 9	
Artikolu 26	Artikolu 10	Artikolu 16
Anness I	Anness I	
Anness II		Anness IV
Anness III		Anness I
Anness IV		Artikolu 5(3)
Anness V		Anness III
Anness VI		Anness II
Anness VII	Anness II	